MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 1269/2009

**Pawla sive' Pauline Debono**

***kontra***

**Burmarrad Commercials Limited C-13537**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors mahluf presentat fid-29 ta' Dicembru 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi l-attrici akkwistat minghand il-kumpannija konvenuta il-vettura Nissan Serena numru ta' registrazzjoni TFJ-076 ghall-prezz ta' disat elef tliet mija u sbatax-il ewro u hamsin centezmi (€9,317.50) propju sabiex permezz taghha jkun jista' jigi ttrasportat zewgha Joseph Debono illi huwa persuna b'dizabilita' u li jehtieg is-siggu tar-roti.*

*2. Illi mal-konsenja tal-vettura, irrizulta illi dina ma kenitx tal-kwalita' imwieghda, u dana kif jigi ppruvat ahjar waqt il-kawza, tant illi l-attrici irritornat il-vettura lis-socjeta' konvenuta u ghadha fil-pussess taghha sal-lum.*

*3. Illi l-attrici interpellat diversi drabi lill-kumpannija konvenuta, anki permezz ta' ittra ufficjali datata hamsa ta' Awissu tas-sena elfejn u disgha (05.08.2009) sabiex jigi rexiss il-bejgh u sabiex l-istess socjeta' konvenuta tirrifondilha l-prezz tax-xiri, l-ispejjez inkorsi in konnessjoni mal-istess bejgh u danni ohra subiti, izda dina baqghet inadempjenti.*

*4. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*5. Illi l-esponenti taf dawn il-fatti personalment.*

*<u>Talbiet</u>*

*Illi ghalhekk ghar-ragunijiet premessi prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni tghid ghaldaqstant il-konvenuta Burmarrad Commercials Limited ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti –*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-vettura Nissan Serena numru ta' registrazzjoni TFJ-046 mibjugha minnha lill-attrici mhijiex tal-kwalita' pattwita ;*

*2. Tiddikjara konsegwentement mahlul il-kuntratt il-kuntratt ta' bejgh ;*

*3. Tiddikjara wkoll illi l-kumpannija konvenuta hi ghalhekk tenuta tirrifondi lill-attrici l-prezz tax-xiri, l-ispejjez inkorsi in konnessjoni mill-istess xiri u danni ohra subiti ;*

*4. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex tirrifondi lill-attrici s-somma ta' disat elef tliet mija u sbatax-il ewro u hamsin centezmi (€9,317.50) rapprezentanti l-prezz tax-xiri* ;

*5. Tillikwida l-ispejjez ulterjuri nkorsi mill-attrici in konnessjoni mal-istess xiri u d-danni sofferti mill-attrici ;*

*6. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-attrici l-ammonti likwidati in forza tal-hames domanda.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-hamsa ta' Awissu tas-sena elfejn u disgha (05.08.2009) u bl-imghax legali b'effett mid-data tal-ittra ufficjali sal-effettiv pagament fuq il-prezz imhallas, l-ispejjez ulterjuri nkorsi u d-danni subiti kontra l-konvenuti illi d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici.

**Rat** ir-rikors, presentat kontestwalment mar-rikors mahluf, fejn ghar-ragunijiet hemm indikati, l-attrici talbet li l-kawza tinstema' bl-urgenza.

**Rat** li d-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2010 fejn wara li semghet ix-xhieda tan-Nutar Dottor John Debono (iben l-attrici) u wara li semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet, akkordat it-talba attrici, abbrevjat iz-zmien ghall-kumpannija konvenuta sabiex tressaq risposta mahlufa, u appuntat il-kawza ghall-udjenza tal-20 ta' Jannar 2010 sabiex jitressqu l-provi kollha tal-partijiet u occorrendo jsir access.

**Rat** ir-risposta mahlufa presentata fit-13 ta' Jannar 2010 li taqra hekk–

*1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' integrita' ta' gudizzju stante li l-vettura de quo tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ma' Joseph Debono ;*

*2. Illi fil-mertu it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, u dan stante illi kuntrarjament ghal dak li ntqal fir-rikors guramentat odjern, il-vettura de quo kienet fil-fatt tal-kwalita' patwita, indikata u ordnata mill-istess attrici u ghaldaqstant ma hemmx lok ghar-rexxizjoni tal-*

*bejgh ai termini ta' l-Artikolu 1390 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*3. Illi l-esponenti kienet ordnat vettura, maghzula u ndikata mill-attrici u wliedha, minghajr ma dawn indikaw ic-certifikat solitu tal-K.N.P.D. li setghet indikat in-necessitajiet ezatti ta' min ikun, u ghaldaqstant l-esponenti ma tistax tahti ghal ebda raguni li l-istess vettura tista' tkun mhux ta' sodisfazzjon ghall-attrici ;*

*4. Illi konsegwentement lanqas ma hemm lok li l-ammont imhallas jigi rifuz ;*

*5. Illi ma hemm ebda danni x'jigu likjwidati favur l-attrici u ghaldaqstant il-hames u s-sitt talba attrici ghandhom jigu michuda ;*

*6. Illi l-esponenti ghalhekk m'ghandhiex tbati spejjez jew imghax kif mitlub.*

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta.

**Rat** li fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2010 il-kumpannija konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha.

**Qieset** bir-reqqa l-provi ta' l-partijiet u kkunsidrat dak li rrizultalha waqt l-access.

**Semghet** it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2010.

**Rat** l-atti kollha tal-kawza.

**Rat** id-digriet taghha tal-20 ta' Jannar 2010 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum.

**Ikkunsidrat –**

L-azzjoni attrici issib il-bazi taghha fl-**Art.1390 tal-Kap.16** li jaqra hekk –

*Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*

Issa b'riferenza ghal dak l-artikolu, l-attrici qed tallega li l-vettura konsenjata ma kenitx tal-kwalita' mweghda.

U l-azzjoni li hadet kienet ir-rifjut tal-vettura de qua bil-konsegwenza li talbet ir-rifuzjoni tal-prezz imhallas u d-danni.

Min-naha taghha, il-kumpannija konvenuta qeghda tikkontesta t-talba principali tal-attrici fuq il-pretest li l-vettura mibjugha kienet skond il-kwalita' patwita.

Ghalhekk fil-kaz tal-lum l-apprezzament tat-talbiet u tal-eccezzjonijiet huma realment cirkoskritti ghall-accertament jekk il-vettura konsenjata kenitx tassew tal-kwalita' patwita jew le.

**Ikkunsidrat –**

Waqt il-gbir tal-provi, din il-Qorti tghid li saret enfasi zejda u mhux mehtiega dwar talba li saret mill-attrici lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' (KNPD) u lill-Ministeru tal-Finanzi ghall-ezenzjoni minn hlas ta' taxxa ladarba l-vettura kienet qed tigi akkwistata ghall-uzu minn persuna b'dizabilita'. Din il-Qorti tghid hekk ghaliex l-akkoljiment o meno tat-talba ghall-ezenzjoni qatt ma kienet kondizzjoni sabiex isir il-bejgh. Li allura jfisser li l-fatt jekk kellhiex tiehu hsieb din il-procedura l-attrici nkella l-kumpannija konvenuta jista' jkun rilevanti ghall-fini ta' kredibilita' tax-xhieda izda mhux direttament rilevanti ghall-fini tal-bejgh veru u propju. Kif daqstant iehor mhix rilevanti l-kwistjoni x'kienu jghidu l-formoli appositi u x'obbligi kienu jimportaw ghall-partijiet (jekk inhu l-kaz).

**<u>Dak li huwa tabilhaqq u materjalment importanti ghall-fini tas-soluzzjoni tal-vertenza huwa jekk l-oggett konsenjat kienx tal-kwalita' li dwaru ftehmu l-partijiet meta kkontrattaw il-bejgh</u>**.

**Ikkunsidrat –**

Irrizulta li l-vettura in kwistjoni kienet Nissan Serena "*second-hand*" Nru ta' Registrazzjoni TFJ 076 u Nru tac-Chassis WJC 23501296. Kienet esebita kopja ta' *sales invoice* datata 9 ta' Ottubru 2008 (DOK NG1 – fol 39).

Irrizulta li Joseph Debono li jigi r-ragel tal-attrici ghandu tnejn u tmenin (82) sena, huwa kostrett joqghod go *wheelchair* ghall-mobilita' tieghu ghax huwa marid fost mard iehor bil-marda tal-Alzheimer li dghajjfet anke s-sahha mentali tieghu.

Kien esebit DOK AV8 (fol 37) datat 9 ta' Lulju 2009 li huwa certifikat mediku rilaxxjat mit-Tabib Salvina Borg li riferibbilment ghal Joseph Debono ighid hekk –

*The above elderly genetleman (who is diabetic, suffers from IHD also had a coronary bypass and suffers from dementia) has sever mobility problems. For over a year he has been unable to leave his home unless in a wheelchair, and being taken out has been a problem due to unavailability of a handicapped vehicle adapted for wheelchair carriage.*

Abbazi ta' provi li resqet l-attrici, biex Joseph Debono iqum, iridu jkunu bilfors tlieta min-nies li jerfghuh u biex jidhol go vettura normali kien ibati hafna. Ghalhekk bl-iskop li tiffacilita' l-mobilita' ta' zewgha u allura sabiex zewgha jkun jista' johrog bla tbatija, l-attrici riedet tixtri vettura li ttella' *wheelchair* u cioe' b'zewgha jkun bilqeghda fuq il-*wheelchair*, il-*wheelchair* b'zewgha bilqeghda fih jibqa' fil-vettura meta din tkun qed tinsaq fit-triq, u l-*wheelchair* b'zewgha fuqu johrog mill-istess post fejn tghabba fil-vettura. L-attrici nkarikat lil binha n-Nutar Dottor John Debono sabiex jakkwista vettura bhal din.

Huwa mar ghand il-kumpannija konvenuta u hemm ittratta ma' Noel Gauci.

Skond in-Nutar Dottor John Debono (li kien ix-xhud principali li ressqet l-attrici) huwa fisser lil Noel Gauci x'kienu l-htigijiet taghhom (*Ghidnielu ara ghandna missierna fil-wheelchair u ghandna bzonn karozza biex ahna lil missierna nistghu nohorguh biha*) Hekk ikkonferma wkoll li nghad Charles Debono, iben iehor tal-attrici. Ghalhekk riedu jixtru vettura ghal dak l-iskop. Skond il-Nutar Debono, Gauci wrieh van bil-*hatchback*. Kif tgholli l-*hatchback*, kien hemm *platform fitted* fuq wara. Skond in-Nutar Debono, *qaghad jurina kif tahdem ghax din ghandha wara jinzel bil-hydraulic, ittella' l-wheelchair fuqha u terga' tidhol 'il gewwa u l-wheelchair ikun gewwa l-karozza.* Il-*platform* li ttella' l-*wheelchair* tinzel *at road level*. Meta Gauci wera l-karatteristici tal-vettura, ma ghamel l-ebda insistenza sabiex isir test taghha *b'wheelchair* bil-persuna bilqeghda fuqha. Skond in-Nutar Debono, *Noel qalli din hi l-karozza li ghandkom bzonn.*

Ghalhekk in-Nutar Debono ghal ommu l-attrici accetta li jixtri l-vettura. Qablu fuq prezz ta' €9317.50c u thallas depositu ta' €900 sakemm jitmexxew il-proceduri mal-KNPD u l-Ministeru tal-Finanzi ghal ezenzjoni mit-taxxa, segwit mill-konsenja tal-pjanci u l-hrug tal-vettura mill-bond ghall-uzu fit-triq. Ma jirrizultax li l-kumpannija konvenuta tat xi brochure tal-vettura mibjugha. Il-bilanc tal-prezz thallas mal-konsenja tal-vettura da parti ta' l-kumpannija konvenuta. Kienu esebiti DOK AV3 (fol 26) datat 19 ta' Awissu 2008 li huwa kopja tar-ricevuta tad-depositu ta' €900 li hallset l-attrici versu l-prezz tal-vettura ; DOK AV3 (fol 27) datat 9 ta' Ottubru 2008 li huwa kopja tar-ricevuta tal-hlas tal-bilanc tal-prezz tal-vettura de qua u DOK AV4 (fol 28) datat 11 ta' Settembru 2008 li hija kopja tal-*exemption* li ta l-Ministeru tal-Finanzi wara l-ittra li kien ircieva minghand il-KNPD.

Skond in-Nutar Debono, kif hadu l-vettura lejn id-dar, u ppruvaw idahhlu l-*wheelchair* ta' missieru gol-vettura b'missieru bilqeghda fil-*wheelchair*, huwa ma setax jidhol fil-vettura. In-Nutar Debono anzi insista li

*mhux ma joqghodx komdu, ma jidholx.* In-Nutar Debono huwa twil hames piedi u hames pulzieri. Missieru kien bejn wiehed u iehor twil daqsu.

Dak il-hin stess marru ghand il-kumpannija konvenuta biex jilmentaw dwar dan il-fatt. Din il-Qorti tghid bla esitazzjoni ta' xejn li temmen li hekk ghamlu l-familjari tal-attrici fl-ewwel lok ghaliex irrizulta mill-assjem tal-evidenza u dan bl-aktar mod car li l-attrici kellha urgenza ghall-vettura tant li anke li kieku ma nghatawx l-ezenzjoni mit-taxxa xorta wahda kienet tinxtara l-vettura ghax kellhom bzonnha u fit-tieni lok ghaliex il-prezz kollu kien thallas u ghalhekk kellhom interess jaghmlu l-ilment taghhom u jinghataw rimedju minghand il-kumpannija konvenuta.

Skond in-Nutar Debono, il-kumpannija Debono fehmet il-problema li kellhom. Ghadda xahar bil-familjari tal-attrici jigru warajhom u l-kumpannija attrici pproponiet li ssibilhom vettura alternattiva. Intant il-vettura tpoggiet fil-garage tad-dar tal-attrici. Izda beda ghaddej iz-zmien u ma waslet imkien. Sahansitra baghtuhom ifittxu *wheelchair* aktar baxx minn dak li kellu Joseph Debono meta dak ta' Joseph Debono kien *wheelchair* normali. In segwitu, il-kumpannija konvenuta hadet lura l-vettura sakemm tipprova ssibilhom vettura ohra u tat lill-attrici *credit note* ghall-prezz imhallas bhala prova li l-vettura mixtrija kienet ritornata. Skond Noel Gauci, dan sar bla pregudizzju u bhala turija ta' rispett lejn in-Nutar Debono. Kienu esebiti DOK AV6 (fol 35) datat 2 ta' Frar 2009 li hija kopja ta' l-*credit note* u DOK AV7 (fol 36) datat 27 ta' Lulju 2009 li hija kopja ta' *email* ta' Sharon Camilleri ta' l-kumpannija konvenuta mibghuta lin-Nutar Debono dwar il-kwistjoni tal-vettura alternattiva li *inter alia* tghid hekk *I will try to buy it for you. I apologise for the delay but this is the first car my supplier has offered me since you made your request.*

Waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-kumpannija konvenuta argumentat li sa ma hadet in konsenja l-vettura l-attrici baqghet ma pprovdietx l-i*specifications* tal-KMPD. Min-naha tieghu, in-Nutar Debono cahad li hekk kien il-

kaz, ghaliex taw lill-kumpannija konvenuta kull dokument li talbithom (DOK AV9 – fol 38) u min-naha taghha qaltilhom biex ihallu kollox f'idejhom.

**Ikkunsidrat -**

Apparti xi dokumenti, l-uniku xhud tal-kumpannija konvenuta kien Noel Gauci. B'riferenza ghall-vertenza, huwa kkonferma li l-parti l-ohra riedu vettura *biex ittella' l-wheelchair tal-papa'* taghhom. Huwa wegibhom li seta' jipprovdilhom dik il-vettura li fil-fatt kienet il-vettura mertu tal-kawza li skond ix-xhieda tal-istess Noel Gauci kienet *Nissan Serena maghmula ghad-disabled mill-Japan.* Waqt li kienu qed jittrattaw dwar il-kwalita' tal-vettura mehtiega mill-attrici, Noel Gauci xehed li hu kien infurmat li riedu l-vettura ghal *disabled go wheelchair.* F'ebda stadju ma insista li jingieb il-*wheelchair*.

Ir-rapprezentant tal-kumpannija konvenuta kkorrabora lill-attrici dwar il-kwistjoni tal-ezenjoni mit-taxxa u kkonferma kemm il-provi li saru dwar l-aspett kienu rrilevanti. Infatti Noel xehed hekk - *lanqas li kieku ma tahx tal-KNPD xorta kien se jixtriha kien lest jixtriha biex jiehu hsieb il-papa' tieghu … niehu jew ma niehux l-exemption gibuli xorta …*

Noel Gauci xehed li d-dokument a fol 42 sa 44 li huwa l-istess dokument a fol 29 sa 31 wasal ghandhom l-ewwel darba ftit tal-granet biss qabel xehed.

Fix-xhieda tieghu, Noel Gauci sahaq li l-vettura attwalment mibjugha lill-attrici *kienet adattata ghal wheel chair normali …* fejn … *ma tahbatx rasek … minghajr bzonn ta' modifications.*

Noel Gauci jibqa' jinsisti fix-xhieda tieghu li - *jiena ghidlu dan huwa vettura ghan-nies disabled … fuq wheelchair.* Cio' nonostante ix-xhud jaccetta li wara li kienet senjalata lilu l-problema, irrizulta li l-van kien *naqra baxx* u kkonferma li meta l-vettura waslet mill-Japan ma saru l-ebda modifiki fiha.

Kuntrarjament ghal dak li sostniet l-attrici bil-provi taghha, Noel Gauci, fix-xhieda tieghu, jinsisti li l-parti l-ohra qalulhom bil-problema xahar u nofs wara li hadu l-vettura in konsenja.

Apparti li jikkonferma li l-kumpannija konvenuta ppruvat issib vettura alternattiva biex taqdi lill-attrici, Noel Gauci sostna li l-attrici rrifjutat li l-vettura tigi modifikata sabiex il-*wheelchair* bil-persuna tal-missier tigi fiha.

**Ikkunsidrat –**

Wara li semghet ix-xhieda viva voce li ressqu l-partijiet, u wara li qieset id-dokumenti li kienu esebiti bhala prova, din il-Qorti hasset il-htiega li taccedi fl-istabbiliment tal-kumpannija konvenuta sabiex, fil-presenza tal-persuni stess li xehdu quddiemha u tad-difensuri taghhom, tiehu vizjoni tal-vettura in kwistjoni u taghmel l-accertamenti taghha.

Waqt l-access, il-partijiet qablu li l-vettura li kienet qed tara kienet propju dik li dwarha ftehmu l-partijiet.

Din il-Qorti rat li l-vettura li hija Nissan Serena ghandha *hatchback* u kif dan gie mgholli dehret *platform* li topera bis-sistema tal-*hydraulic* biex tgholli pizijiet mil-livell tal-wicc tal-art sal-gholi tal-qiegh tal-kompartiment tal-van fejn tkun it-taghbija.

Mad-daqqa t'ghajn, anke minghajr xejn imqieghed fuq il-*platform*, kien evidenti li din il-vettura ma kienet xejn differenti minn vettura ohra tat-taghbija kemm ghal dak li huwa daqs kif ukoll ghal dak li huwa gholi. L-unika differenza minn vannijiet ohra tal-merkanzija kienet il-*platform* li toghla bil-*hydraulic*. Dan pero' wahdu ma jistax jeskludi li l-manifattur tal-van seta' haseb ghall-van sistema ta' ozlar ta' taghbija bis-sistema tal-*hydraulic*.

Meta l-*wheelchair* ta' Joseph Debono, li l-kumpannija konvenuta accettat li kien wiehed normali, tpogga fuq il-*platform* u bilqeghda fih minghajr *cushion* qaghad in-Nutar Dottor John Debono, irrizulta lil din il-

Qorti li wara li sar l-olzar nofs l-oghli ta’ ras in-Nutar u cioe’ mill-geddum sal-qoxra ta’ fuq ma kienx ighaddi oltre l-*frame* fejn jaghlaq il-*hatchback*. Dan ifisser li persuna normali trid bilfors tghawweg ghonqha sewwa lejn genb biex tidhol ‘il gewwa mill-*frame*. Wiehed jista’ jimmagina d-diffikulta’ ta’ persuna b’dizabilita’ bhal Joseph Debono li kellu kondizzjoni ta’ sahha prekarja hafna kif irrizulta waqt il-provi.

Sormontat l-ewwel ostakolu fisiku, it-tieni wiehed kien li r-ras tan-Nutar kienet tmiss u tahbat sewwa mas-saqaf tal-vann bil-konsegwenza li min se jkun fil-*wheelchair* se jgarrab zgur inkonvenjent serju.

Il-kumpannija konvenuta mhix kredibbli meta ssostni li dak kien van destinat biex igorr persuna b’dizabilita’. Jista’ jkun van adattat ghall-garr ta’ merkanzija pero’ certament u minghajr l-icken dubbju mhux van intiz biex igorr *wheelchair* b’persuna bilqeghda fuqu kif qalet li kien il-kumpannija konvenuta.

Anke meta rat l-irbit ta’ gewwa, din il-Qorti mhix sodisfatta li dak kien intiz biex izomm *wheelchair firm u steady* waqt tragitt. Aktar huwa irbit intiz ghal merkanzija. Kif daqstant iehor mhix veritiera l-affermazzjoni tal-kumpannija konvenuta li l-vettura in kwistjoni kienet mahsuba biex ikollha *seat* agguntiv fuq wara biex persuna ohra tkun tista’ takkumpanja l-persuna b’dizabilita’. Li kieku dan kien hekk dan is-*seat* kien fisikament jingieb a konjizzjoni tal-Qorti biex taghmel l-accertamenti taghha.

Fejn il-kaz tal-kumpannija konvenuta kompla jitlef mis-sostenn tieghu kien meta kien allegat li l-*platform* tal-injam fil-kompartiment fejn kellu joqghod il-*wheelchair* tqieghed in aggunta mis-supplier u ghalhekk seta’ jigi modifikat billi jitnehha u b’hekk jintrebah l-gholi tal-*platform* u ghalhekk jidhol il-*wheelchair*. Din il-Qorti ma tistax taccetta bhala serja u kredibbli affermazzjoni ta’ din ix-xorta ghaliex meta sar tentattiv biex il-*platform* tibda titnehha instab li bdiet tidher il-pjanca ta’ taht tal-van bil-*grease* maghha u l-*wires* tal-elettriku. Li jfisser li l-*platform* li kienet mghottija bl-istess tappizzerija bhall-bqija tal-

gewwa tal-vann kienet *a manufacturers'* jew *a suppliers' platform* li jkompli jfisser li dik il-*platform* kienet intiza biex tkun haga wahda fl-istruttura tal-van li minghajrha kien jinbidel id-destinazzjoni tal-uzu tieghu.

Din il-Qorti tghid li l-access sewa certament biex jigi konfermat li l-vann in kwistjoni ma kienx tal-kwalita' li kienet miftehma mal-attrici.

**Ikkunsidrat –**

Waqt it-trattazzjoni bil-fomm, il-kumpannija konvenuta ccitat gurisprudenza sabiex issostni t-tesi taghha. Din il-Qorti esaminat is-sentenzi citati u ssib li fl-assjem isostnu l-linja li qed tigi traccjata minn din il-Qorti llum u f'xi aspetti ohra l-fatti kienu differenti specjalment fejn kienet kunsidrat id-differenza bejn l-azzjoni tax-xerrej meta l-oggett ma jkunx tal-kwalita' patwita u fejn ikun hemm difett mohbi. Din il-Qorti pero' se tissofferma ruhha fuq kwistjoni partikolari sollevata mill-kumpannija konvenuta u cioe' dik taz-zamma tal-oggett mertu tal-bejgh. Dwar din il-materja, il-kumpannija konvenuta m'ghandhiex ragun ghaliex mhux biss irrizulta li l-attrici agixxiet mill-ewwel u fil-pront (kontra dak allegat mill-kumpannija konvenuta) izda tat lura l-vettura lill-kumpannija konvenuta u din haditha ghad li bla pregudizzju. Ma kienx hemm ghalfejn isir depozitu f'dawk ic-cirkostanzi jkun hemm l-bejjiegh in partikolari. Dan qed jinghad ghaliex ix-xerrej biex jezercita b'success l-azzjoni skond l-Art.1390 tal-Kap.16 mhux bilfors u dejjem irid irodd mill-ewwel jew fil-pront jew jiddeposita l-oggett de quo ghaliex dawn mhumiex ingredjenti *sine qua non* ghall-esperibilita' ta' l-azzjoni. Il-kazijiet ivarjaw u huma dipendenti fuq ic-cirkostanzi specjali tal-kaz konkret. Fil-kaz tal-lum l-attrici agixxiet tajjeb u l-kumpannija konvenuta ma tistax tavvanza difiza ta' din ix-xorta tac-cirkostanzi ta' kif svolgew il-fatti f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat –**

Il-kumpannija konvenuta rreferiet ukoll ghall-klawsola inserita fid-DOK NG1 a fol 39 u allegat li dik

kienet tesoneraha minn responsabilita' f'dan il-kaz. Qari akkurat ta' dik il-klawsola b'ebda mod ma jista' ragonevolment iwassal li xi hadd li jippretendi li kkontratta in bona fede li klawsola bhal dik tesonera lill-venditur mir-responsabilita'; tieghu skond l-Art.1390 tal-Kap.16. Jinghad ukoll li mkien fl-eccezzjonijiet taghha ma l-kumpannija konvenuta eccepiet dik il-klawsola biex tkun mehlusa minn responsabilita'.

**Ikkunsidrat –**

Mhux kontestat li l-prezz li l-attrici hallset b'kollox lill-kumpannija konvenuta ghall-vettura in kwistjoni kien €9317.50. Konferma ta' dan, jekk konferma kienet mehtiega tassew, kienet il-*credit note* ghall-istess ammont li rrilaxxjat favur l-attrici meta l-kumpannija konvenuta hadet lura l-vettura.

**Ikkunsidrat –**

It-talba attrici dwar risarciment ta' danni hija limitata ghar-rimbors ta' sentejn assikurazzjoni u licenzja tal-vettura. U cioe' €644.76 (€378.76 [*insurance*] + €266 [licenzja tat-triq]) ghas-sena 2009 skond DOK AV1 (fol 24) u €853.01 bhala *insurance* ghas-sena 2008 skond DOK AV2 (fol 25). B'kollox - €1497.77. Il-kumpannija konvenuta ma nsistietx fuq il-konferma guramentata ta' dawn iz-zewg dokumenti. Meqjus il-fatt li l-attrici garrbet dan l-esbors ta' flus inutilment, is-somma ta' €1497.77 ghandha tkun risarcita mill-kumpannija konvenuta a favur tal-attrici in linea ta' danni.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-kumpannija konvenuta, qeghda tiddeciedi l-kawza kif gej –**

**Tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet tal-attrici ;**

**Tilqa' r-raba' talba tal-attrici u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex tirrifondi lill-attrici s-somma ta' disat elef tliet mija u sbatax-il ewro u hamsin centezmi (€9,317.50) rapprezentanti l-prezz**

**tax-xiri, bl-imghax legali b'effett mill-5 ta' Awissu 2009 sad-data tal-effettiv pagament ;**

**Tilqa' l-hames talba tal-attrici u tillikwida d-danni tal-attrici fl-ammont ta' elf erba' mija seba' u disghin Ewro sebgha u sebghin centezmu (€1497.77) ;**

**Tilqa' s-sitt talba tal-attrici u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-attrici l-ammont ta' elf erba' mija seba' u disghin Ewro sebgha u sebghin centezmu (€1497.77) in linea ta' danni, bl-imghax legali b'effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament ;**

**Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza nkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Awissu 2009.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------